

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Kik Textilien und Non-Food GmbH (Bönen, il-Ġermanja

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, jew alternattivament, jekk ikun il-każ, tikkundanna lill-intervenjenti għal dawn l-ispejjeż;
- tawtorizza r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni kkontestata Nru 924 6166 fl-intier tagħha.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Kicks Kosmetikkedjan AB

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva “KICKS” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 8, 14, 21 u 35 — applikazzjoni Nru 9246166

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Kik Textilien und Non-Food GmbH

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali Ġermaniża u internazzjonali “kik” għal servizzi fil-klassi 35

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa għall-prodotti u għas-servizzi kkontestati

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2013 — Kicks Kosmetikkedjan vs UASI — Kik Textilien und Non-Food (KICKS)

(Kawża T-532/13)

(2013/C 359/33)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kicks Kosmetikkedjan AB (Stokkolma, l-Isvezja) (rappreżentant: K. Strömholm, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Kik Textilien und Non-Food GmbH (Bönen, il-Ġermanja)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, jew alternattivament, jekk ikun il-każ, tikkundanna lill-intervenjenti għal dawn l-ispejjeż;
- tawtorizza r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni kkontestata Nru 924 6166 fl-intier tagħha.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Kicks Kosmetikkedjan AB

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva “KICKS” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 8, 14, 21 u 35 — applikazzjoni Nru 9245473

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Kik Textilien und Non-Food GmbH

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali Ġermaniża u internazzjonali “kik” għal servizzi fil-klassi 35

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa għall-prodotti u għas-servizzi kkontestati

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Ottubru 2013 — Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-533/13)

(2013/C 359/34)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriauciūnas, R. Krasuckaitė u A. Karbauskas)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2013) 4487 finali, tad-19 ta' Lulju 2013, li tawtorizza l-ġħoti tal-ġħajnuna nazzjonali tranżitorja fil-Litwanja għas-sena 2013 (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni kkontestata")

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 39 TFUE, moqri flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE, u tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni

Billi adottat l-Artikolu 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni wettqet ksur tal-Artikolu 39 TFUE, moqri flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE, peress li hija ma żammitx mal-għanijiet tal-politika agrikola komuni speċifikati fit-Trattat FUE (b'mod partikolari fl-Artikolu 39(1)(b) TFUE) u mal-kriterji tal-politika agrikola komuni, u kisret ukoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tar-Regolament Nru 73/2009

Billi adottat l-Artikolu 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata mingħajr bażi legali, il-Kummissjoni kisret ir-Regolament Nru 73/2009 ⁽¹⁾, peress li applikat l-Artikolu 10a(4) ta' dak ir-regolament b'mod inkorrett.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni

Billi adottat l-Artikolu 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni, peress li hija evalwat il-livelli tal-pagamenti diretti tal-Istati Membri l-antiki u dawk ġodda b'mod żbaljat fl-2012 u bbażat il-kalkolu tal-ġħajnuna nazzjonali tranżitorja mogħtija fuq evalwazzjoni żbaljata ta' dak it-tip.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

Billi adottat l-Artikolu 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, peress li hija ma kkonformatx mad-dmir li tieħu bħala bażi l-informazzjoni l-ġdida pprovduta mir-Repubblika tal-Litwanja dwar il-livelli ta' pagamenti diretti fl-Istati Membri u ma evalwatx l-importanza attwali ta' pagamenti diretti għall-irziezet Litwani.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, p. 16, rettifika f'ĠU L 43, p. 7).

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2013 — Al Matri vs Il-Kunsill

(Kawża T-545/13)

(2013/C 359/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Fahed Mohamed Sakher Al Matri (Doha, il-Qatar)
(rappreżentanti: M. Lester, Barrister, u G. Martin, Solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/409/PESK ⁽¹⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 735/2013 ⁽²⁾, sa fejn japplikaw għar-rikorrent; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut manifestament żbalja fl-evalwazzjoni tiegħu li kienu ġew sodisfatti l-kriterji sabiex ir-rikorrent jiġi inkluż fil-miżuri kkontestati.